MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1104/2004

**Guzeppi u Maria Carmela Pulis**

**vs**

**Joseph Ciscaldi**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-24 ta' Mejju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tlieta u sittin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm363.53) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobil;istku illi gara fil-11 ta' Marzu 2003 fi Triq Nazzjonali, Hamrun Bllata l-Bajda bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBK 193 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-umru tar-egistrazzjoni DAS 647 misjuqa mill-attrici Maria Carmela Pulis, liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba mperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tsl-konvenut.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li l-ecciipjent mhux responsabbli ghall-incident de quo u ghalhekk huwa qieghed kontestwalment jipprezenta kawza ghall-hlas tad-danni.

Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Ottubru 2004 fejn sar qbil li din il-kawza tinstema’ kontestwalment mal-kawza bl-Avviz Numru 1240/04 u dan peress li l-mertu taz-zewg kawzi jirrigwarda l-istess incident awtomobilistiku.

Sema’ x-xhieda ta’ PS 860 Keith Caruana, tal-attrici Maria Carmela Pulis, ta’ Duncan Pulis u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident stradali li sehh fil-11 ta’ Marzu 2003, l-Blata l-Bajda bejn il-vettura bin=-numru tar-registrazzjoni DAS 647 misjuqa mill-attrici Maria Carmela Pulis u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBK 193 misjuqa mill-konvenut.

L-attrici xehdet li hija kienet qed issuq fi Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda gejja mid-direzzjoni tal-Belt u riedet iddur lejn Triq Dun Gorg Preca. Hija waqfet fuq it-*traffic lights* peress li dawn kienu fuq l-ahmar u malli qalbu fuq l-ahdar hija bdiet hierga bil-moghod. Malli bdiet hierga hasset daqqa fuq in-naha tax-xellug tal-vetura taghha u bid-daqqa l-vettura taghha spiccat daret terga’ thares lejn il-Belt. Hija tispjega li l-vettura l-ohra ratha biss mal-impatt u din il-vettura bid-daqqa baqghet miexja u giet mac-*centre strip.*

Il-konvenut xehed li daklinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq Nazzjonali gej mid-direzzjoni tal-Hamrun u sejjer lejn il-Belt. Huwa ra li t-*traffic lights*

kienu fuq l-ahdar u ghalhekk baqa’ hiereg. Huwa jghid ukoll li qabel ma hareg minn fuq it-*traffic lights* kien ra l-vettura ta’ Pulis geja mid-direzzjoni oposta u malli ghadda minn fuq it-*traffic lights* din baqghet hierga minjn fuq il-*lights* tan-naha l-ohra u b’hekk sehh l-impatt. Il-koonvenut jispjega li Pulis laqtitu fuq il-bieba tax-xufier u bd-daqqa tefghatu madwar tnax il-metru l-boghod mill-*ispot of impact* u huwa dahal fic-*centre strip* ta’ quddiem is-*showroom* tal-ITC.. Huwa jghid li fl-ebda mument ma ra l-vettura ta’ Pulis wieqfa. Il-hsara fil-vettura tal-konvenut kienet fil-bieba tan-naha tax-xufier, fil-mudgurd tal-lemin u anki fil-bieba ta’ wara tan-naha tal-lemin.

Kif jidher minn dawn il-verzjonijiet iz-zewg sewwieqa t-tnejn isostnu li huma ghaddew minn fuq il-*lights* meta dawn kienu fuq l-ahdar u li kien is-sewwieq l-iehor li ghadda minn fuq l-ahmar. Is-Surgent li nvestiga l-kaz ikkonferma li fil-hin li sehh l-incident il-lights kienu qed jahdmu sew u li ma jistghax ikun li kienu fuq l-ahdar kontempornajament ghaz-zewg sewwieqa. Ghalhekk jidher li xi hadd miz-zewg sewwieqa ghadda minn fuq id-dawl ahmar u jrid jigi stabbilit min minnhom qieghed jghid il-verita’.

It-Tribunal ezamina bir-reqqa l-provi prodotti miz-zewg partijiet u huwa tal-fehma li x-xhieda tal-konvenut m’hijiex verosimili. Huwa jghid li ra l-vettura ta’ Pulis hierga minn fuq it-*traffic lights* opposti meta huwa kien ghadu ma harigx minn fuq il-*lights tan-naha tieghu* u meta mistoqsi x’kienet ir-raguni li allura huwa kompla hiereg il-konvenut irrisponda li ghamel dan ghaliex il-*lights* fil-konfronti tieghu kienu fuq l-ahdar. It-Tribunal jidhrilu li din ir-risposta ma tistghax titwemmen ghaliex li kieku verament il-konvenut ra lil Pulis hierga minn fuq il-lights qabel ma huwa hareg, huwa kien jieqaf u mhux jibqa’ hiereg allavolja id-dawl fil-konfront tieghu kien fuq l-ahdar. Ebda sewwieq ragonevoli li jara habta gejja u jara li ghandu mezz li jevita billi jieqaf ma jaghzel li jkompli ghaddej bic-certezza li ser jahbat. Inoltre jekk wiehed jara l-*brake marks* wara l-vettura tal-konvenut kif riportati fuq l-iskizz (a fol. 21) jinduna li l-brake marks tal-konvenut jibdew sew wara l-linja li tiddemarka l-post fejn kellu jieqaf fuq it-*traffic lights*. Dan

jindika li huwa ghafas il-brejk meta huwa kien diga' hareg sew minn fuq il-lights. Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut ghadda minn fuq il-*lights* meta dawn kienu fuq l-ahmar jew l-amber. Il-*brake marks* juru li huwa hareg minn fuq il-*lights* b'certu velocita', probabilment ghaliex dawn kienu fuq l-*amber* u kienu ser jaqilbu, u sab il-vettura ta' Pulis ma' wiccu hierga ghall-affari taghha minn fuq il-lights opposti ghaliex il-lights fil-konfronti taghha kienu fuq l-ahdar.

Jidher ghalhekk li l-konvenut Joseph Ciscaldi kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku de quo u li huwa ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni sooportati mill-atturi bhala konsegwenza tal-imsemmi ncident.

Il-quantum tad-danni reklamati mill-atturi bl-ebda mood ma gie kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz huma prezentaw l-ircevuti relattivi (a fol.2 sa fol. 7) liema danni jidhru li huma perfetament kompatibbli mad-dinamika tal-incident li jifforma l-mertu tal-kawza.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tlieta u sittin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm363.53), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------